MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 729/2000/1

***Roderick Falzon u martu Maria Vella Falzon***
***vs***
***Mark Camilleri***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li **ppremettew**: billi fit-2 ta' Awissu 1997 waqt li l-istanti Roderick Falzon kien isuq car Mitsubishi Loner numru EAE 818 fl-Imgarr, hu safa' involut f' incident stradali mat-truck numru KAP 823 misjuq mill-konvenut u, oltre l-hsara fil-car, estensiva, l-istess driver tal-car wegga' gravament u baqa' personalment dizabilitat; billi l-incident gara htija tal-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti; billi, tramite l-assikuraturi tieghu, Citadel Insurance plc. il-konvenut accetta responsabbilita' ghall-incident, tant li l-assikuraturi imsemmija gia hallsu tal-hsara fil-car, u dana f' Awissu 1998 liema hlas sar bla pregudizzju ghal-danni ohra gejjin mid-drib li garrab Roderick Falzon; billi mitluba jhallsu l-

bqija tad-danni kif imfisser, l-assikuraturi imsemmija njoraw din id-domanda; **talbu** konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli tal-incident awtomobilistiku u tad-danni kollha li l-istanti garrab b' rizultat tal-incident imsemmi;

2. Tillikwida d-danni kollha (oltre l-hsara fil-car numru EAE-818 li taghha gia sar risarciment) occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont ta' danni likwidati u dikjarati dovuti kif imfisser;

Bl-ispejjez, komprizi Lm23 ta' konsult u ittri, dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 1999 u dawk tal-ittra ufficjali tallum ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-8 ta' Novembru 2000 li biha din il-Qorti diversament presjeduta ddikjarat li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu, u akkordatlu zmien ta' ghoxrin gurnata sabiex jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-konvenut permezz tas-socjeta' attrici Citadel Insurance plc. ammetta r-responsabbilita' ghall-incident in kwistjoni, u l-istess socjeta' kienet lesta li tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni mitluba f' din il-kawza, pero' l-atturi ppresentaw dina l-kawza qabel ma spiccaw it-trattattivi; Ghalhekk il-konvenut m' ghandux ibati spejjezs; Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-pretensjonijet tal-atturi jemanu minn incident awtomobilistiku li sehh goz-Zebbiegh fl-Imgarr fit-2 ta' Awissu 1997 bejn il-vettura Mitsubishi numru EAE-818 misjuqa mill-attur, u truck numru KAP-823 misjuq mill-konvenut. Skond l-att tac-citazzjoni u id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, l-incident sehh unikament minhabba l-fatt li l-konvenut naqas li jsegwi r-regolamenti stradali u wera imprudenza, negligenza u traskuragni fis-sewqan tieghu hekk kif il-konvenut hareg minn barriera minn fuq ix-xellug tat-triq, u imblokka l-passagg tal-vettura misjuqa mill-attur li kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq, u sar l-iskontru bejn iz-zewg vetturi; bir-rizultat li l-attur sofra danni kemm fil-vettura tieghu, kif ukoll fuq il-persuna tieghu.

Illi rizultat ta' trattattivi li saru bejn il-partijiet bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju dwar l-incident, is-socjeta' Citadel Insurance plc., l-assikuratrici tal-konvenut, hallsuet lill-attur is-somma ta' Lm3,300 *"solely in respect of damages sustained to the vehicle. The injury factor still remains open".*[1]

Illi mill-process tirrizulta korrispondenza evidenza tal-fatt li saru trattattivi bejn il-partijiet; izda nonostante li sas-17 ta' April 2000 (id-data li fiha giet prezentata tac-citazzjoni) kienu ghaddew kwazi tlett snin mid-data tal-incident, xorta ma kienx ghadu ntlahaq ftehim dwar l-aspett tal-kumplament tad-danni, partikolarment dwar il-*lucrum cessans*, stante nuqqas ta' qbil dwar il-grad ta' disabilita' permanenti li l-attur kien qed jallega li sofra; bir-rizultat li gew istitwiti l-proceduri odjerni.

[1] Form of Discharge – Dok.B

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Responsabbilita' ghall-incident*

Illi dwar dan l-aspett, ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni, anzi kemm il-konvenut, kif ukoll l-assikuraturi tieghu, ammettew ir-responsabilita' taghhom ghall-akkadut, qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni u di fatti hallsu dik il-parti tad-danni limitata ghall-hsara fil-vettura.

Illi gia la darba r-responsabbilita' esklusiva da parti tal-konvenut ghall-incident tinsab defnittivament stabbilita, allura jirrizulta car li dan ghandu jhallas id-danni kollha konsegwenzjali ghall-istess, kemm dawk msejjha *damnum emergens*, kif ukoll dawk maghrufa bhala *lucrum cessans* bazati fuq it-telf ta' qligh rizultat tad-disabilita' permanenti sofferta mill-attur.

*Damnum Emergens* – Illi fin-Nota tieghu prezentata fis-17 ta' Settembru 2001[2], kif ukoll fin-Nota sussegwenti[3], l-attur indika bhala danni reali l-ammont ta' Lm521.20 rapprezentanti spejjez medici li huwa kellu jinkorri rizultat tal-feriti li garrab fl-incident. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu huwa indika din il-figura u esebixxa r-ricevuti relattivi.[4]

Illi din il-Qorti ezaminat dawn id-dokumenti guramentati mill-attur, u, in vista tal-fatt li dawn l-elementi ta' prova ma gewx kontradetti jew kontestati validament mill-konvenut, kif ukoll in vista tal-fatt li l-ammonti hemm indikati ma humiex *ex facie* esagerati, u jidhlu fil-parametru ta' dak li huwa accettabbli fic-cirkostanzi tal-attur; din il-Qorti qeda taccettahom bhala veritieri u li jirrapresentaw danni reali ulterjuri li sofra l-attur, ghajr dawk rapportati fil-vettura tieghu u li diga' thallsu lilu.

Illi minn dan l-ammont diga' thallsu lill-attur is-somma ta' erba mitt lira maltin [Lm400],[5] u ghalhekk l-bilanc tad-danni reali ghandu jaqra: **Lm121.20**.

---

[2] Fols.95-97
[3] Fol.121
[4] Doks.G-L. Fols.11-17
[5] Vide Affidavit Dr.Edmond Zammit Laferla Fol.137 u Nota ulterjuri tal-attur Fol.151. Jigi osservat li huwa immaterjali min kienet il-kumpanija li ghamlet dan il-pagament;

Illi

*Lucrum cessans* – Mill-provi jirrizulta car li kienu dawn id-danni, ossia l-*quantum* taghhom, li ostakolaw ftehim shih bejn il-partijiet u li wassal ghal dawn il-proceduri.

Illi minn certifikat[6] mahrug mill-Konsulent Newrologu Dr.Anthony Galea Debono, inkarigat espert ex parte mill-attur, jirrizulta hekk: *"Roderick Falzon's injuries are expected to be permanent. The disability resulting from the nasal pain and the recurrent epistaxis is estimated at 2%. This has to be added to the disability caused by the damage to the right eye and this was determined as being 10% by the Ophtalmologist. The total disability is therefore 12%."*

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2002 il-konvenut rregistra l-qbil tieghu limitatament ghat *"2% dizabilita' fl-imnieher"* ; u stante kontestazzjoni fuq il-grad ta' disabilita' fl-ghajn, gie nominat, wara qbil mal-partijiet, il-Kirurgu Dr.Franco Mercieca bhala espert mediku li fir-rapport tieghu kkonkluda li *"..the overall visual disability which is permanent is around 4%".*[7] Ghaldaqstant l-grad ta' disabilita' sofferta mill-attur u li ghandha tittiehed bhala fattur fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*, huwa ta' **sitta fil-mija (6%)**[8] u mhux ta' 12% kif originarjament indikat.

Illi fil-prospett prezentat mill-attur, gie indikat *multiplicand* fl-ammont ta' Lm4,500 fis-sena[9], *multiplier* ta' 31 u *Lump sum payment reduction* ta' 20%. Dan il-prospett, li kien gie prezentat mill-attur bil-visto tal-difensur tal-kontro parti.

*Osservazzjonijiet guridici*
Illi in propositu huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet legali. Illi fuq livell ta' principju, din il-Qorti diversament presjeduta osservat li il-materja tal-

---

ghax dak li huwa rilevanti huwa li fil-fatt kien sar il-pagament lill-attur bhala risarciment tad-danni reali sofferti minnu konsegwenza tal-incident in disamina.

[6] Dok.F Fol.10
[7] Dok.FM Fol.120
[8] 2% fl-imnieher u 4% fil-ghajn.
[9] Bazat fuq il-medja tal-pagi annwali ghas-snin 1997,1998 u 1999 oltre s-somma ta' circa Lm,1175 –

kwantifikazzjoni tal-*lucrum cessans*, *"m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel* ***estimu ekwitativ****, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' apprezzament realistiku li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghar mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju* ***jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant*** *fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz."(Prim Awla –* ***Carmelo Muscat v Francis Schembri et****– 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti*). U f' kaz aktar ricenti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Joseph Attard vs Carmelo D' Amato*** osservat li*: "Il-kumpens jew likwidazzjoni ta' danni ma ssirx in vacuo, izda, ghalkemm jigu osservati certi kriterji oggettivi, dejjem hemm fin-nofs l-individwu"*[10]

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
*Multiplicand*
Illi fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li l-punto di partenza ghandu jkun id-data ta' meta sehh l-incident, ai fini tal-komputazzjoni kemm tal-*multiplicand* kif ukoll tal-*multiplier*. Il-bazi ta' dan il-fattur ghandu jigi determinat mill-paga gross annwali tal-attur danneggjat fiz-zmien tal-incident li f' dan il-kaz hija ta' Lm2,633.97. Illi pero ma dan l-ammont ghandu jizdied, biex jaghmel tajjeb ghaz-ziediet fil-pagi, fl-gholi tal-hajja u fl-inflazzjoni in generali, tul is-snin tal-multiplier, l-ammont ta' Lm1,300. B' hekk f' dan il-kaz il-multiplicand ghandu jkun fl-ammont ta' **Lm3,933.97.**

*Disabilita'*
Illi kif fuq indikat mir-relazzjoni tal-esperti medici, jirrizulta li d-disabilita' permanenti li sofra l-attur rizultat tal-incident hija ta' sitt fil-mija **[6%].**
*Multiplier*
Illi fil-kalkolu tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tad-decujus, izda

[10] Appell Superjuri – deciza 22 ta' Ottubru 2002

l-hajja lavorativa tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem minhahha dawk ic-cirkostanzi li jssejhu *the chances and changes of life*. Wiehed irid jezamina l-*earning capacity* tal-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazjat.[11]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in konsiderazzjoni tac-*chances and changes of life*.[12] *"The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimantion in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."*[13] Izda l-bazi tal-multiplier ghandu jibqa' l-eta' tad-danneggjat dak in-nhar tal-incident, u mhux fiz-zmien tal-likwidazzjon tad-danni mill-Qorti, ghar-raguni li l-Qorti ghandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.[14]

Illi fil-kaz in disamina tenut kont tal-fatt li fiz-zmien tal-incident l-attur kellu 30 sena, il-Qorti thoss li f' dan il-kaz ghandha tapplika multiplier ta' **31 sena**.

*Lump sum payment reduction*

Ir-*ratio* ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni. *"Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni"*[15] Illi f' dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li l-incident jirrisali ghal-Awissu 1997, u tenut ukoll kont tal-fatt li c-citazzjoni giet prezentata f' April 2000, wara sforzi inutili ghat-transazzjoni, u tenut kont li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-aspett tar-responsabbilita', il-Qorti jidhrilha li f' dan il-kaz il-percentagg li jghandu jinghata f' kaz ta'

---

[11] Prim Awla ***Carmela Muscat vs Francis Schembri*** (Ibid).
[12] Vide: App.Civ. ***Butler vs Heard*** deciza 22 ta' Dicembru 1967
[13] Peter Cane: *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* – kwotat fil-kawza Xuereb vs Spalding [supra]
[14] Vide ***Evans Xuereb vs Vincent Spalding*** [supra] u kasistika hemm citata.
[15] App.Civ.***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon*** deciza 5 ta' Ottubru 2001.

pagaement wiehed f' salt ghandu jkun ta' tmienja fil-mija **[8%]**.

| | | |
|---|---|---|
| **Salarju gross** | Lm2,633.97 | |
| Awment | Lm1,300.00 | |
| Bilanc | | Lm3,933.97 |
| | | |
| **Disabilita' 6%** | | Lm 236.03 |
| | | |
| **Multiplier 31** | | LM 7,316.93 **-** |
| **LSP Reduction 8%** | | Lm 585.35 |
| *Bilanc* | | **Lm6,731.58** |

Ghaldaqstant b' applikazzjoni ghall-premess, id-danni li sofra l-attur f' forma ta' lucrum cessans jammontaw ghas-somma ta' Lm6,731.58 li maghdud maghha l-bilanc tad-danni emergenti ta' Lm121.20, jwaslu ghall-figura globali ta' Lm6,852.78, arrotondita ghal **Lm6,853** bhala danni dovuti lill-attur mill-konvenut.

*Spejjez*

Illi rigward il-kap ta' l-ispejjez, il-Qorti tosserva li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut, filwaqt li ammetta r-responsabbilita' tieghu ghall-incident, izda sostna li m' ghandux ibaghati l-ispejjez tal-kawza stante li, skond kif qal hu, huwa, tramite is-socjeta' assikuratrici tieghu, kien lest jersaq*"ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni mitluba f' din kil-kawza, pero' l-atturi ppresentaw dina l-kawza qabel ma spiccaw it-trattitivi".*[16]

In propositu, il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghal dak li diga' gie rilevat, tirribadixxi illi mill-provi hemm elementi sufficjenti biex jindikaw li minn naha tieghu l-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jasal ghal ftheim bonarju u anke ssaporta certu tul ta' zmien ghal dan il-ghan; u ghaldaqshekk, ghalkemm il-konvenut fl-eccezzjonijiet

[16] Fol.83

tieghu sostna li huwa kien lest li jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni, il-provi jndikaw mod iehor.

Inoltre, rrizulta nkontestat li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident de quo, u allura ghandu jhallas l-ispejjez kollha konsegwenzjali, inkluzi dawk gudizzjarji.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-Imgarr bejn il-vettura EAE 818 u t-truck KAP-823 fit-2 ta' Awissu 1997, kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali; tillikwida dawn id-danni (ghajr dawk kaggjonati fil-vettura EAE-818 li taghha sar risarciment) fis-somma ta' ***sitt elef, tmien mija tlieta u hamsin lira maltin [Lm6,853]*** rappresentanti kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*; u tikkundannah ihallas din is-somma lill-atturi; bl-imghax legali mid-data ta' dan il-gudizzju; Bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------